Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Latchways plc, Eurosafe Solutions BV

Konvenuti: Kedge Safety Systems BV, Consolidated Nederland BV

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Rechtbank 's-Gravenhage — Interpretazzjoni tad-Direttivi tal-Kunsill 89/106/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989 [1988], dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 9, p. 296), tad-Direttiva 89/686/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar l approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-apparat personali protettiv (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 98) u tad- Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE, tat-22 ta' Lulju 1993, dwar il moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità "CE" li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 12, p. 195) — Apparat ta' rbit kontra l-waqgħat mill-għoli waqt xogħlijet imwettqa fuq bjut — Standard Ewropew EN 795

Dispożittiv

(1) *Id-dispożizzjonijiet tal-Istandard Ewropew EN 795 dwar l-apparat ta' rbit ta' klassi A1 ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-apparat personali protettiv, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru°1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settembru 2003, għalhekk huma ma jagħmlux parti mill-qafas tad-dritt tal-Unjoni u, għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpretahom.*

(2) *Apparat ta' rbit, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma huwiex maħsub sabiex jinżamm jew jintlibes mill-utent tiegħu ma jaqax taħt il kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/686, kif emendata bir-Regolament Nru 1882/2003, la inkwantu tali u lanqas minħabba l-fatt li huwa maħsub sabiex jitwaħħal ma' apparat personali protettiv.*

(3) *Apparat ta' rbit, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li huwa parti mix-xogħol ta' bini li miegħu huwa mwaħħal sabiex jiggarantixxi s-sigurtà ta' użu jew tal-operat tal-bejt ta' dan ix-xogħol jaqa' taħt il kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989 [1988], dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.*

(4) *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE, tat-22 ta' Lulju 1993, dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità "CE" li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika tipprekludi li titwaħħal, fuq bażi fakultattiva, il-marka "CE" fuq prodott li ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva li taħtha hija tiġi mwaħħla, minkejja li dan il-prodott jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi definiti minnha.*

---

(1) ĠU C 197, 02.08.2008.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-14 ta' Ottubru 2010 — Deutsche Telekom AG vs Il-Kummissjoni Ewropea, Vodafone D2 GmbH, li qabel kienet Vodafone AG & Co. KG, li qabel kienet Arcor AG & Co. KG et

(Kawża C-280/08 P) (1)

("Appell — Kompetizzjoni — Artikolu 82 KE — Swieq tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni — Aċċess għan-netwerk fiss tal-operatur eżistenti — Prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali mogħtija lill-kompetituri — Prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess ipprovduti lill abbonati — Prattiki tal-prezzijiet ta' impriża dominanti — Pressjoni fuq il marġni tal-prezzijiet tal-kompetituri — Prezzijiet approvati mill-awtorità regolatorja nazzjonali — Marġni ta' flessibbiltà tal-impriża f'ożizzjoni dominanti — Imputabbiltà tal-ksur — Kunċett ta' 'abbuż' — Kriterju tal-kompetitur daqstant effiċjenti — Kalkolu tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet — Effetti tal abbuż — Ammont tal-multa")

(2010/C 346/06)

Lingwa tal-proċedura: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Deutsche Telekom AG (rappreżentant: U. Quack, S. Ohlhoff u M. Hutschneider, avukati)

Appellati: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: K. Mojzesowicz, W. Mölls u O. Weber, aġenti), Vodafone D2 GmbH, li qabel kienet Vodafone AG Co. KG, li qabel kienet Arcor AG Co. KG (rappreżentant: M. Klusmann, aġent), Versatel NRW GmbH, li qabel kienet Tropolys NRW GmbH, li qabel kienet CityKom Münster GmbH Telekommunikationsservice, EWE TEL GmbH, HanseNet Telekommunikation GmbH, Versatel Nord GmbH, li qabel kienet Versatel Nord-Deutschland GmbH, li qabel kienet KomTel Gesellschaft für Kommunikations- und Informationsdienste mbH, NetCologne Gesellschaft für Telekommunikation mbH, Versatel Süd GmbH, li qabel kienet Versatel Süd-Deutschland GmbH, li qabel kienet tesion Telekommunikation GmbH, Verstel West GmbH, li qabel kienet Versatel West-Deutschland GmbH, li qabel kienet Versatel Deutschland GmbH Co. KG (rappreżentant: N. Nolte, avukat)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (il-Ħames Awla Estiża) (li issa saret il-Qorti Ġenerali, iktar 'il quddiem, il-"Qorti Ġenerali") tal-10 ta' April 2008, Deutsche Telekom vs Il-Commission, li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Commission 2003/707/KE, tal-21 ta' Mejju 2003, dwar proċedura skont l-Artikolu 82 KE (Każijiet COMP/C-1/37.451, 37.578, 37.579 -Deutsche Telekom AG) (ĠU L 263, p. 9), u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-multa mogħtija lill-appellanti — Abbuż minn pożizzjoni dominanti — Prezz ta' aċċess għan-netwerk fiss ta' telekomunikazzjonijiet fil-Ġermanja — Karattru abbużiv tal-prattiki tal-prezzijiet ta' impriża dominanti li titlob lill-kompetituri tagħha tariffi għal servizzi intermedjarji għall-aċċess għan-netwerk lokali ogħla mill-prezzijiet bl-imnut li hija titlob lill-abbonati tagħha

Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Deutsche Telekom AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 223, 30.08.2008

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Ottubru 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Litwanja

(Kawża C-350/08) ([1])

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Att ta' adeżjoni tal-2003 — Obbligi tal-Istati Membri aderenti — Acquis communautaire — Direttivi 2001/83/KE u 2003/63/KE — Regolament (KEE) Nru 2309/93 u Regolament (KE) Nru 726/2004 — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Prodotti bijoloġiċi mediċinali simili li jirriżultaw mill-bijoteknoloġija — Awtorizzazzjoni nazzjonali ta' tqegħid fis-suq mogħtija qabel l-adeżjoni)

(2010/C 346/07)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Steiblytė u M. Šimerdová, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Litwanja (rappreżentanti: D. Kriaučiūnas u R. Mackevičienė, aġenti)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikolu 6(1) u tal-punt 4 tal-Parti II tal-Anness I tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69), kif emendata bid-Direttiva 2003/63/KE, kif ukoll tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93, tat-22 ta' Lulju 1993, li jistipula proċeduri tal-Komunità għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni ta' Prodotti Mediċinali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 12, p. 151), u tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 229) — Żamma tal-awtorizzazzjoni nazzjonali għat-tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali bijoloġiku simili "Grasalva"

Dispożittiv

(1) *Billi żammet fis-seħħ l-awtorizzazzjoni nazzjonali ta' tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali Grasalva, ir-Repubblika tal-Litwanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/63/KE, tal-25 ta' Ġunju 2003, kif ukoll taħt l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93, tat-22 ta' Lulju 1993, li jistipula proċeduri tal-Komunità għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni ta' Prodotti Mediċinali, u taħt l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini.*

(2) *Ir-Repubblika tal-Litwanja hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 247, 27.09.2008

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Ottubru 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Audiencia Provincial de Barcelona — Spanja) — PADAWAN SL vs Sociedad General de Autores y Editores (SGAE)

(Kawża C-467/08) ([1])

("Approssimazzjoni tal-liġijiet — Dritt tal-awtur u drittijiet relatati — Direttiva 2001/29/KE — Dritt ta' riproduzzjoni — Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet — Eċċezzjoni ta' kopja għal użu privat — Kunċett ta' 'kumpens ġust' — Interpretazzjoni uniformi — Implementazzjoni mill-Istati Membri — Kriterji — Limiti — Sistema ta' ħlas għal kopja privata applikata fir-rigward ta' apparat, tagħmir u mezzi relatati mar-riproduzzjoni diġitali")

(2010/C 346/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Audiencia Provincial de Barcelona